

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0235/2006

30.6.2006

RAPPORT

**dwar l-istrateġija tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja
(2006/2060(INI))**

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Dorette Corbey

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	12
PROCĊEDURA	16

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-istrategġija tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja (2006/2060(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-Istrategġija Tematika dwar l-Istrategġija Tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja (COM(2005)0446),
- wara li kkunsidra s-Sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarju għall-Ambjent (EAP)¹,
- wara li kkunsidra l-Istrategġija ta' Liżbona (Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Barcellona, Marzu 2002),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-programm Arja Nadifa għall-Ewropa (CAFE): lejn strategġija tematika fuq il-kwalità ta' l-arja (COM(2001)0245),
- wara li kkunsidra l-evalwazzjoni ta' l-impatt (IA) rigward l-istrategġija tematika fuq it-tniġġis ta' l-arja u d-Direttiva dwar "Il-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent u Arja Iktar Nadifa għall-Ewropa" (SEC(2005)1133),
- wara li kkunsidra l-aspetti sanitarji tat-tniġġis ta' l-arja - ir-riżultati mill-proġett tad-WHO "Evalwazzjoni Sistematika ta' Aspetti tas-Saħħa tat-Tniġġis ta' l-Arja" fl-Ewropa²,
- wara li kkunsidra l-laqgħa ta' informazzjoni dwar politika mill-Istitut għall-Politika Ambjentali Ewropea (IEEP)³,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva ġdida dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (COM(2005)0447),
- wara li kkunsidra l-korpus kbir ta' leġiżlazzjoni ta' l-UE eżistenti li tikkontrolla l-kwalità ta' l-arja u l-emissjonijiet fl-arja, inklużi: id-Direttiva ta' Qafas għall-Kwalità ta' l-Arja⁴ u d-direttivi li jsegwuha, id-Direttiva għal-Limiti Nazzjonali ta' l-Emissjonijiet⁵, id-Direttiva għall-Impjanti Kbar ta' Kombustjoni⁶, id-Direttiva li tikkontrolla l-emissjonijiet mill-vetturi u l-kwalità tal-fjuwil, id-Direttiva għall-Emissjonijiet mis-Solventi⁷ u d-Direttiva għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tat-Tniġġis Integrat (IPPC)⁸;

¹ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

² (<http://www.euro.who.int/document/E83080.pdf>)

³ http://www.europarl.eu.int/comparl/envi/default_en.htm

⁴ Direttiva 96/62/KE (ĠU L 296, 21.11.1996, p. 55).

⁵ Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22).

⁶ Direttiva 2001/80/KE (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1).

⁷ Direttiva 1999/13/KE (ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1).

⁸ Direttiva 96/61/KE (ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26).

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew għall-Ambjent tad-9 ta' Marzu 2006,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0235/2006),
- A. billi t-tniġġis ta' l-arja huwa kawża ewlenija ta' mewt u ta' mard fl-Ewropa, li jwassal għal tnaqqis medju ta' l fuq minn tmien xhur mill-għomor ta' kull individwu; billi t-tfal, l-anzjani, in-nies li jsofru minn mard respiratorju u kardjovaskulari, u billi dawk li jgħixu f'żoni ta' espożizzjoni għoli, bħal żoni urbani (l-ibliet) u qrib toroq prinċipali, jiffaċċjaw theddida partikulari għal saħħithom,
 - B. billi l-oġettiv ġenerali ta' l-Istrateġija Tematika fuq it-Tniġġis ta' l-Arja huwa li tfassal politika strateġika integrata għal medda ta' żmien twil biex tissielet it-tniġġis ta' l-arja sabiex jinkisbu l-oġettivi tas-Sitt EAP relatat mal-ħarsien tas-saħħa umana u ta' l-ambjent,
 - C. billi fl-aħħar deċennji diġà sar progress konsiderevoli fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet fl-arja mill-iżjed sustanzi niġġiesa li huma perikolużi għas-saħħa,
 - D. billi l-partiċelli PM2.5 u l-ożonu troposferiku huma l-iżjed sustanzi niġġiesa fl-arja li jikkawżaw problemi għas-saħħa,
 - E. billi 55% ta' l-ekosistemi Ewropej huma mħassrin bit-tniġġis ta' l-arja,
 - F. billi t-tniġġis ta' l-arja jeżisti fl-Istati Membri kollha u huwa kwistjoni transkonfinali, ladarba l-materja f'partiċelli tinxtered bosta mijiet ta' kilometri, u għal dan trid tinstab soluzzjoni Ewropea u jeħtieġ jittieħdu miżuri transkonfinali iżjed b'saħħithom; billi dan il-fatt ma jeżentax lil ċerti Stati Membri mill-obbligi partikulari tagħhom li jikkonformaw mal-valuri ta' limitu għall-kwalità ta' l-arja,
 - G. billi t-tniġġis ta' l-arja jista' jiġi missielet b'mod effettiv biss permezz ta' pakkett ikkoordinat ta' miżuri li jikkumbinaw miżuri fuq livell Ewropew, nazzjonali u lokali li jkun primarjament maħsubin biex jissieltu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors tagħhom,
 - H. billi l-Artikolu 7 tas-Sitt EAP jgħid li wieħed mill-għanijiet huwa li jinkiseb "livelli ta' kwalità ta' l-arja li ma jikkawżax impatti negattivi sinifikanti u riskji fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent."
 - I. billi fost il-miżuri ewlenin elenkati fl-Artikolu 7 tas-Sitt EAP hemm l-iżvilupp ta' strateġija tematika fuq it-tniġġis ta' l-arja, u l-evalwazzjoni u l-aġġornament ta' l-istandards tal-kwalità ta' l-arja u tal-limiti nazzjonali ta' l-emissjonijiet, bil-ħsieb li jintlaħaq l-oġettiv ta' żmien fit-tul li ma jinqabżux volumi u livelli kritiċi; billi t-tniġġis ta' l-arja hija problema kumplessa li tista' tissolva biss permezz ta' approċċ sistematiku li jqis l-interazzjonijiet,

- J. billi l-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni eżistenti hija essenzjali sabiex jiġi żgurat titjib fil-kwalità ta' l-arja fl-2020, u billi xi leġiżlazzjoni eżistenti għadha fil-proċess ta' implimentazzjoni,
- K. billi objettivi ambizzjużi fit-titjib ta' l-kwalità ta' arja jistgħu jintlaħqu biss jekk il-leġiżlazzjoni eżistenti tkun implimentata b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha u jekk il-proposti leġiżlattivi l-ġodda jikkonċentraw biex jillimitaw l-emissjonijiet ta' min iniġġes,
- L. billi fl-Evalwazzjoni ta' l-Impatt tagħha (IA) l-Kummissjoni ppreżentat tliet xenarji (A, B u C) li jirriflettu livelli differenti ta' ambizzjoni kif ukoll xenarju ta' tnaqqis massimu li jkun teknikament fattibbli,
- M. billi l-IA juri li l-maġġoranza taċ-ċittadini Ewropej jaqblu ma' politika Ewropea li ttejjeb il-kwalità ta' l-arja b'livell ta' ambizzjoni simili għal xenarju C; madankollu, fl-Istrateġija l-Kummissjoni għażlet livell ta' ambizzjoni inqas għoli, li jista' jkun jiġi kwalifikat bħala A+,
- N. billi l-ispejjeż biex jitnaqqsu l-livelli tat-tniġġis ta' l-arja fix-xenarji kollha huma inqas mill-benefiċċji finanzjarji; billi l-ebda xenarju ma jikkomprometti l-pożizzjoni kompettitiva ġenerali ta' l-UE u billi xenarju ambizzjuż iwassal għall-ħolqien ta' l-impjiegi,
- O. billi l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni hija dettaljata u tagħti kas kemm tar-Regolamentazzjoni Ahjar u kemm l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli; yet there is a serious lack of systems approach in the proposed Strategy and the related Air Quality Directive, since, for instance, no further CO₂ emission reductions are anticipated, which no doubt leads to an overestimation of costs and underestimation of benefits for the Air Pollution Strategy since continued emission reductions after 2012 will, as one of many effects, contribute to an improvement of air quality,
- P. madankollu fl-Istrateġija proposta u fid-Direttiva għall-Kwalità ta' l-Arja hemm nuqqas serju ta' metodu ta' sistema, per eżempju, m'hu previst l-ebda tnaqqis ulterjuri ta' l-emissjonijiet tas-CO₂, li bla dubju jwassal għal stima oġhla ta' spejjeż u għal stima inqas tal-benefiċċji ta' l-Istrateġija dwar it-Tniġġis ta' l-Arja għax it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet wara l-2012, fost bosta effetti oħrajn, se jikkontribwixxi għat-titjib fil-kwalità ta' l-arja,
- Q. billi l-grupp ta' ħidma CAFE fuq il-materja f'partiċelli (PM) rrimarka li hemm riskji għas-saħħa relatati mal-PM 2.5 f'konċentrazzjonijiet taħt l-10 µg/m³ u li valur ta' limitu m'għandux jaqbeż l-20 µg/m³,
- R. billi - kif innotat mill-IEEP - il-valur PM_{2.5} ta' 25 µg/m³ kif propost mill-Kummissjoni ma jinvolvi iżjed ekwiżiti strinġenti għall-Istati Membri fuq il-PM, iżda jnaqqas l-obbligi billi jippermetti xi eżenzjonijiet,
- S. billi titjib fil-kwalità ta' l-arja huwa ta' benefiċċju għas-soċjetà inġenerali, waqt li l-ispejjeż jidhru għalihom setturi speċifiċi; billi, minħabba dan, jeħtieġ li jinstabu mezzi kif jintkoprew l-ispejjeż meta l-applikazzjoni tal-prinċipju "min iniġġes iħallas" twassal għal spejjeż inaċċettabbli għal xi settur speċifiku,

- T. billi s-setturi kollha għandhom jikkontribwixxu għal titjib fil-kwalità ta' l-arja, partikularment dawk is-setturi li s'issa ma kkontribwewx biżżejjed sabiex l-arja tinżamm nadifa,
- U. billi d-dispożizzjonijiet tas-suq jistimulaw il-kisba ta' l-għanijiet ambjentali u jillimitaw il-valuri ta' limitu fl-UE, sakemm l-għanijiet ikunu implimentati b'mod indaqs fid-diversi Stati Membri,
- V. billi bosta Stati Membri ma jilhqax il-valuri ta' limitu stipulati fil-leġiżlazzjoni attwali dwar il-kwalità ta' l-arja - u billi l-biċċa l-kbira tal-problemi jaffettwaw lill-Olanda, il-Belġju, il-Ġermanja, it-tramuntana ta' l-Italja, il-Polonja u lill-ibliet il-kbar; billi l-miżuri adottati s'issa li jindirizzaw lis-sorsi tat-tniġġis m'humiex biżżejjed biex jinkisbu l-valuri ta' limitu,
- X. billi n-nuqqas ta' konformità mal-valuri ta' limitu ma jkunx dejjem minħabba xi nuqqas ta' teħid ta' miżuri mill-Istati Membri, iżda għali jkun ikkawżat minn nuqqas ta' miżuri Komunitarji adegwati,
- Y. billi hemm il-ħtieġa ta' strateġija li jkollha għanijiet ambizzjużi li jissarrfu f'leġiżlazzjoni ambizzjuża dwar il-kwalità ta' l-arja, akkumpanjati minn miżuri li jiffokaw fuq is-sorsi ta' tniġġis, sabiex jippermettu lill-Istati Membri jilhqax l-istandards tal-kwalità ta' l-arja waqt li jagħtu iżjed żmien lil dawk l-Istati Membri li għad li jkunu ħadu l-miżuri xierqa kollha jkunu għadhom jiffaċċjaw xi problemi biex jilhqax il-valuri ta' limitu xorta waħda,
- Z. billi sabiex tiżgura l-kisba ta' objettivi sanitarji u ambjentali, id-Direttiva għal-Limiti Nazzjonali ta' l-Emissjonijiet għandha tkun ikkumplimentata b'taħlita ta' miżuri ta' tnaqqis ta' emissjonijiet fuq il-livelli lokali, nazzjonali, Komunitarji u internazzjonali,

Id-definizzjoni tal-livell ta' ambizzjoni meħtieġ fl-indirizzar tat-tniġġis ta' l-arja

1. Jilqa' l-istrateġija tematika tal-Kummissjoni dwar it-tniġġis ta' l-arja, li tisħaq fuq il-fatt li t-tniġġis ta' l-arja huwa problema sanitarja u ambjentali serja;
2. Jinnota bi tħassib li l-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta' l-Arja ma turix kif l-objettivi tas-Sitt EAP jistgħu jintlaħqu; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex għall-2020 timmirra għal-livell deċiżivament ogħla ta' ambizzjoni biex jitnaqqas it-tniġġis ta' l-arja sabiex jinkisbu dawk l-objettivi;
3. Jinnota b'dispaċir li l-istrateġija ma tinkludix xi rekwiżit legali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet f'partiċelli, kif irrakkomandat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iżda sempliċement tillimita ruħha biex tissuġġerixxi għanijiet indikattivi;
4. Jitlob għall-istrateġija b'għanijiet ta' tnaqqis iżjed ambizzjużi li jikkorrispondu ma' xenarju Ċ għall-komposti volatili organiċi (VOC), PM2.5 u n-NOx, għax din twassal għal iżjed benefiċċji fis-saħħa u fl-impjegi waqt li żżomm approċċ bilanċjat bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji; jitlob għal tnaqqis kif imsemmi fit-tabella t'hawn taħt:

	2020 Leġislazzjoni ni Preżenti	2020 TSAP ¹	2020 Obiettivi tal-PE u x-xenarju li jikkorrispondi
SO2	68%	82%	82% (B)
NOx	49%	60%	65% (C)
VOC	45%	51%	55% (C)
NH3	4%	27%	27% (A+)
PM2.5	45%	59%	61% (C)
Spejjeż totali (kull sena)		EUR 7 100 miljun iżjed	+/- EUR 11000 miljun iżjed

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex taġġorna d-dħul tad-dejta użat għall-mudell ta' evalwazzjoni integrat sabiex jitqiesu l-miżuri strutturali, biex jiġi kkunsidrat b'mod sħiħ il-potenzjal li jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-tbaħħir internazzjonali, biex tiġi inkluża l-leġislazzjoni rilevanti eżistenti kollha fl-hekk imsejjaħ 'xenarju ta' riferenza', u biex tuża xenarju enerġetiku li jkun konformi mal-politika ambizzjuża ta' l-UE dwar il-klima qabel ma tuża l-mudell għat-tnejn tar-reviżjoni tad-Direttiva għal-Limiti Nazzjonali ta' l-Emissjonijiet; jemmen li l-aġġornament tad-dħul tad-dejta użata għall-analiżi skond dawn il-parametri, flimkien ma' l-inklużjoni ta' miżuri strutturali u mhux tekniċi oħrajn għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet, inaqqas b'mod sostanzjali l-istima ta' l-ispiża biex jintlaħqu objettivi temporanji u jirriżulta f'potenzjal ta' tnaqqis ta' emissjonijiet sostanzjalment oġhla,
6. Huwa favur l-introduzzjoni ta' limitu ta' valur annwali ta' PM10 ta' 30 µg/m³ fl-2010 u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi tnaqqis ta' konċentrament ta' PM2.5, għax l-ammont ta' PM2.5 li hemm fil-PM10 huwa l-iżjed wieħed ta' ħsara għas-saħħa; jitlob għall-introduzzjoni, fl-2010, ta' objettiv ta' valur ta' 20 µg/m³ għall-PM2.5, li jsir limitu ta' valur annwali fl-2015, u, skond ir-rakkomandazzjoni tad-WHO, objettiv ta' valur ta' żmien fit-tul ta' µg/m³ għall-PM2.5; jaqbel li għandu jkun possibbli li jingħata iżjed żmien għall-kisba tal-valur ta' limitu lil dawk l-Istati Membri li jkunu jistgħu juru li ħadu l-miżuri fattibbli kollha;
7. Jargumenta favur iktar uniformità fil-metodi ta' kejl u ta' kalkolu użati mill-Istati Membri differenti għall-konċentrazzjonijiet ta' partikkel fini; iqis, fost oħrajn, li l-fatturi ta' korrezzjoni jridu jiġu applikati sewwa;
8. Huwa konvint li t-tnaqqis fit-tniġġis propost jista' jinkiseb biss jekk l-UE ssaħħaħ il-leġislazzjoni tagħha dwar l-emissjonijiet u jitlob għall-adozzjoni ta' limiti ta' valur

¹ Strateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta' l-Arja.

ambizzjużi li jkunu jorbtu iżjed;

9. Jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi objettiv ta' tnaqqis fl-espożizzjoni ta' 20% għall-PM2.5 fl-2020 imqabbel ma' l-indiċi ta' espożizzjoni medju ta' l-2010; madankollu jitlob għal objettivi ta' tnaqqis differenzjati, li jqisu l-livelli inizzjali differenti ta' l-Istati Membri u l-miżuri meħudin qabel, b'riferenza partikulari għall-potenzjal ta' iżjed tnaqqis ta' l-Istati meta l-livell ta' espożizzjoni inizzjali jkun għoli;
10. Jitlob għall-introduzzjoni ta' twissijiet dwar l-ismogg f'każ ta' livelli għoljin ta' smogg u biex in-nies jitħeġġu ma jużawx fuqlari miftuħin u biex f'dawk il-ġranet inaqqsu l-użu tal-karozzi;
11. Huwa konvint li t-tnaqqis propost jista' jinkiseb biss jekk l-UE ssaħħaħ il-leġislazzjoni tagħha dwar l-emissjonijiet; jirrimarka li t-tniġġis ta' l-arja jista' jiġi indirizzat biss jekk il-valuri ta' limitu jkunu konnessi ma' politika ambizzjuża dwar l-emissjonijiet;

Miżuri settorali

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa mill-aktar fis sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-setturi varji li jikkontribwixxu għat-tniġġis ta' l-arja, u f'dan ir-rigward għandha tingħata prijorità partikulari lis-setturi li s'issa ma kienu qatt regolati u fejn ikun jista' jinkiseb iżjed tnaqqis ta' emissjonijiet b'inqas spejjeż;
13. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex mill-aktar fis tressaq proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva għal-Limiti Nazzjonali ta' l-Emissjonijiet u biex tagħmilha proporzjonata mal-livell ta' ambizzjoni mħeġġeġ mill-Parlament;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri b'mod urġenti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-tbaħħir u jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposti
 - biex tistabilixxi standards għall-emissjonijiet ta' NO_x għall-vapuri li jużaw il-portijiet ta' l-UE;
 - biex tpoġġi l-Baħar Mediterran u l-Baħar ta' l-Atlantiku tal-Grigal bħala SECAs (żoni ta' Sulphur Emission Control) skond il-Konvenzjoni MARPOL;
 - biex tnaqqas, minn 1.5% għal 0.5%, il-kontenut massimu permessibbli ta' kubrit fil-fjuwils marittimi użati fis-SECAs u minn bastimenti tal-passiġġieri;
 - biex tintroduċi strumenti finanzjarji bħal taxxi jew ħlasijiet fuq l-emissjonijiet ta' SO₂ u NO_x mill-bastimenti;
 - biex tħeġġeġ l-introduzzjoni ta' ħlasijiet għall-użu tal-portijiet u tal-kanali navigabbli li jiffavorixxu bastimenti b'emissjonijiet baxxi ta' SO₂ u NO_x;
 - biex tħeġġeġ lill-bastimenti sabiex jużaw id-dawl mix-xatt meta jkunu fil-portijiet;
 - biex tħejji direttiva ta' l-UE dwar il-kwalità tal-fjuwils marittimi;

jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tipproponi azzjoni koordinata sabiex tiżgura kundizzjonijiet ugwali u biex tinsisti li tittieħed azzjoni fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO); huwa konvint li hemm bżonn bilanċ aħjar bejn l-ispejjeż tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-bastimenti u tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-art;

15. Jinnota li, waqt li l-agrikoltura hija waħda mis-sorsi ewlenin tat-tniġġis ta' l-arja li ġej mill-ammonja, ftit li xejn hemm obbligi fuq dan is-settur sabiex inaqqs l-emissjonijiet; jilqa' l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' 'kudizzjonalità' ta' l-għajjnuna agrikola wara l-aħħar riforma tal-CAP, li għandha twassal għal tnaqqis notevoli mill-emissjonijiet ta' sustanzi li jagħmlu ħsara lill-ambjent; jitlob lill-Istati Membri sabiex jissieltu t-tniġġis ta' l-arja relatat mat-trobbija tal-bovini, b'mod speċjali l-biedja intensiva, l-użu tal-fertilizzanti u ta' l-impjanti tat-tisħin tas-serrer, u biex tuża sussidji agrikoli sabiex tindirizza l-problema ta' l-ammonja; jitlob għal aġġornament dwar l-oġġettivi tat-tnaqqis ta' l-ammonja fil-kuntest tar-reviżjoni tal-CAP; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinkludi l-biedja intensiva fid-Direttiva IPPC and jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri wkoll sabiex jippromwovu miżuri li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' biedja organika u ta' agrikoltura integrata bħala parti ta' politika ta' żvilupp rurali;
16. Jinnota li l-attivitajiet agrikoli jikkontribwixxu notevolment għall-emissjonijiet ta' l-ammonja; jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-bżonn li jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq b'mod urġenti proposti speċifiċi maħsubin biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' l-ammonja mill-agrikoltura; u jistieden lill-Kummissjoni wkoll sabiex tikkundizzjona s-sussidji tal-CAP b'rekwiżiti pressanti ta' azzjoni kontra l-emissjonijiet ta' l-ammonja mill-biedja;
17. Jinnota li bħala regola l-ispejjeż tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' l-NH₃ jidhru oġġla mill-suppost; per eżempju, il-projettazzjonijiet ta' riforma ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ibassru numri iżgħar ta' bhejjem mill-projettazzjonijiet ta' riferenza tal-programm CAFE li, li kieku kienu iżjed preċiżi, kienu jfissru wkoll spejjeż iżgħar mill-projettazzjonijiet għall-kisba ta' tnaqqis mill-emissjonijiet ta' l-ammonja;
18. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-effetti tad-Direttivi ambjentali rilevanti, bħad-Direttiva dwar in-Nitrati, id-Direttiva dwar l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma; jinnota f'dan is-sens, b'mod partikulari, l-inċentivi għall-użu tal-fertilizzanti minerali (li kienu ġew identifikati bħala sors prinċipali ta' emissjonijiet ta' l-ammonja fis-settur agrikolu), minflok il-fertilizzanti mill-annimali, li jirriżultaw mid-Direttiva dwar in-Nitrati;
19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi mill-aktar fis miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn sorsi industrijali, inkluża reviżjoni tad-Direttiva IPPC, li għandha tippremja l-innovazzjoni b'mod iżjed effettiv u tinkludi l-impjanti ta' kombustjoni żgħar ta' taħt il-50MWh;
20. Jistaqsi lill-Kummissjoni biex tipproponi mill-aktar fis miżuri sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn sorsi domestiċi, inklużi standards fuq apparat tat-tisħin; jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri u programmi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn sorsi domestiċi, bħal 'fireplaces';
21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fl-2006 tipproponi l-istandards futuri Euro VI għal karozzi tal-passiġġieri b'tnaqqis ulterjuri ta' l-istandard tan-NO_x għal karozzi tal-passiġġieri u vannijiet li jaħdmu bid-diesel mill-2011, u wkoll biex tindika kif se jevolvu l-istandards ta' l-Euro VII għal vetturi heavy duty; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex sa mhux iżjed tard mill-2012 tintroduċi n-normi ta' l-Euro VI għall-vetturi kbar bi standards komparabbli

ma' dawk ta' l-Istati Uniti; dawn jippermettu lill-Istati Membri jilhq u l-objettivi tal-kwalità ta' l-arja; jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jaqtgħu bil-mod il-mod il-vetturi antiki li jniġġsu jew – fejn xieraq – jipprovdu inċentivi għall-immodernizzar; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-settur tat-trasport sabiex jidħlu f'dibattitu fil-fond dwar il-mobbiltà sostenibbli fis-seklu 21;

22. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jirvedu s-sistemi tat-trasport lokali u biex isibu soluzzjonijiet innovattivi sabiex inaqqsu kemm jista' jkun l-użu tal-karozzi ġewwa ċ-ċentri ta' l-ibliet; huwa konvint li t-taxxi fuq il-konġestjonijiet jirriżultaw f'benefiċċji ekonomiċi u ambjentali, u li d-diviżjonijiet taż-żoni għall-finijiet ambjentali li jiskuraġġixxu l-aktar karozzi li jniġġsu milli jidħlu ġewwa l-ibliet jipprovdi inċentiv qawwi għall-immodernizzar tal-karozzi; jisħaq li l-gvernijiet lokali jistgħu jipprovdu inċentiv qawwi għall-innovazzjoni billi jixtru karozzi nodfa (EEV, Euro 6 u VI) għall-flotta tal-karozzi pubblika u semipubblika u billi jieħdu azzjoni sabiex jappoġġjaw impjegati li jużaw mezzi ta' trasport iżjed sostenibbli;
23. Jinnota n-nuqqas konnessjoni bejn l-iżvilupp u l-użu ta' sorsi ta' enerġija alternattivi u t-tnaqqis fit-tniġġis ta' l-arja kif ukoll in-nuqqas ta' enfażi fuq il-ħtieġa ta' l-estensjoni tat-trasport pubbliku u ta' l-użu ta' sorsi ta' enerġija alternattivi fuq il-bażi ta' ppjanar strateġiku;
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri biex tindirizza t-tniġġis ta' l-arja li – b'konformità ma' l-Artikolu 95(3) tat-Trattat KE – jiżguraw livell għoli ta' ħarsien ambjentali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippermetti eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet tas-suq intern għal Stati Membri li jkunu jixtiequ jieħdu miżuri li jmorru 'l hinn mill-istandards preżenti ta' l-UE; huwa konvint li dawk l-Istati Membri li jimplementaw standards iżjed stretti jipprovdu inċentiv importanti għall-innovazzjoni;

Tfassil aħjar ta' liġijiet

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jilhq u fteħma inter-istituzzjonali mal-Parlament li fiha t-tliet istituzzjonijiet jesprimu d-dedikazzjoni tagħhom għall-kisba ta' l-objettivi fil-kwalità ta' l-arja kif stipulati f'din l-istrateġija u għall-reviżjoni ambizzjuża korrispondenti tad-Direttiva għal-Limiti Nazzjonali ta' l-Emissjonijiet; il-fteħma teħtieġ tinkorpora lista dettaljata ta' miżuri ta' l-UE li għandhom jittieħdu sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' l-emissjonijiet ta' l-Istrateġija Tematika jintlaħqu fil-ħin, inklużi dawk stipulati hawn fuq fil-paragrafi 12-34; il-lista għandha tkun koerenti ma' politiki Komunitarji oħrajn, inklużi il-pjan ta' azzjoni dwar il-klima; huwa konvint li fteħma bħal din tikkontribwixxi għat-tiġib fit-trasparenza u għalhekk għal "tfassil aħjar ta' liġijiet";
26. Jitlob lill-Kummissjoni biex fl-2012 tirvedu l-progress li jkun sar fil-kisba ta' l-objettivi ta' l-Istrateġija u biex tevalwa il-potenzjal ta' setturi differenti għal iżjed tnaqqis effettiv għan-nefqa;

o

o o

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Għas-saħħa tal-bniedem, l-arja nadifa hija vitali. Il-ħsara kkaġunata lis-saħħa mit-tniġġis ta' l-arja hija konsiderevoli. Minħabba t-tniġġis ta' l-arja, fl-Ewropa jmutu 3.6 miljun, jew fi kliem ieħor, 360 000 ruħ imutu għaxar snin qabel iż-żmien. Minbarra l-imwiet tan-nies, l-arja mniġġsa tikkaġuna wkoll ħafna tbatija minħabba mard jew problemi respiratorji. Il-problemi sanitarji ma jaffettwawx lil kulħadd bl-istess mod; it-tfal, l-anzjani, persuni li diġà jkun jbatu minn diżordnijiet respiratorji u persuni li jgħixu f'żoni urbani jew qrib toroq prinċiplai huma l-iżjed affettwati. It-tniġġis ta' l-arja jagħmel ħsara wkoll lill-ambjent naturali. Huwa stmat li 55% ta' l-ekosistemi Ewropej huma affettwati mit-tniġġis ta' l-arja. Il-konsegwenzi huma l-aċidifikazzjoni tal-foresti, l-ewtrofikazzjoni u t-telfa tal-bijodiversità. Il-problemi huma kkawżati l-iżjed mill-ossidju tan-nitroġenu, id-dijossidu tal-kubrit, l-ammonja u wkoll mill-ożonu. It-tniġġis ta' l-arja jagħmel ħsara wkoll lill-bini.

It-tniġġis ta' l-arja hija problema transkonfinali. Is-sustanzi niġġiesa jistgħu jinxterdu mijiet u saħansitra elef ta' kilometri. Pajjiż bħar-Renju Unit jipproduċi livelli konsiderevoli ta' emissjonijiet, iżda relattivament bħala pajjiż dawn ftit li xejn jaffettwawh. Madankollu, l-irjieħ frekwenti mill-punent iwasslu biex Stati Membri oħrajn ikunu affettwati minn dawn l-emissjonijiet b'mod sinifikanti. L-Olanda jimportaw ammonti kbar ta' arja mniġġsa mill-Belġju, mill-Ġermanja u mir-Renju Unit, iżda tesporta tliet darbiet iżjed milli timporta. Il-pajjiżi Skandinavi jimportaw ammonti relattivament kbar ta' arja mniġġsa.

Il-politika preżenti

Bis-saħħa, sa ċertu punt, tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE, f'dawn l-aħħar tletin sena l-kwalità ta' l-arja tgiebet b'mod sinifikanti. Ġew iffissati l-istandards tal-kwalità ta' l-arja, li rriżultaw waqgħa notevoli fl-emissjonijiet ta' bosta għejun niġġiesa. Hemm fis-seħħ direttivi Ewropej li jindirizzaw l-emissjonijiet mis-sors tagħhom, per eżempju, l-impjanti l-kbar ta' kombustjoni, il-karozzi u l-vetturi HGVS. Madankollu, il-konformità ma' l-istandards tal-kwalità ta' l-arja ma kellux dejjem riżultati pożittivi, u għad hemm problemi konsiderevoli, b'mod partikulari madwar lokalitajiet urbani. Analiżi li saret mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tindika li iżjed minn 50% tan-nies li jgħixu fi bliet Ewropej huma esposti għal konċentrazzjonijiet li jaqbżu il-valuri ta' limitu ta' kuljum b'iżjed minn 35 darba fis-sena (Sitwazzjoni u l-Prospettivi 2005, p. 268). U dan mhux kollox: sfortunatament anke r-regoli preżenti m'humiex biżżejjed biex tissolva l-problema u biex jintlaħaq l-objettiv stipulat fis-Sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarju għall-Ambjent (EAP) li jinksbu 'livelli ta' kwalità ta' l-arja li ma jikkawżax impatti negattivi sinifikanti u riskji fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent'. Għalhekk hemm bżonn ta' strateġija konvinċenti: strateġija li tpoġġi s-saħħa l-ewwel u li ttiprovdi tweġibiet għall-problema tan-nuqqasijiet li hemm fil-politika preżenti u għall-problemi ta' konformità mal-leġiżlazzjoni.

L-Istrateġija tematika

L-istrateġija tematika hija bbażata fuq Evalwazzjoni ta' l-Impatt estensiva. Il-punt tat-tluq ta' l-istrateġija kienu tliet xenarji (A, B u C) u tnaqqis massimu li jkun teknikament fattibbli (MTR). Fir-rigward ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt, jistgħu jsiru dawn ir-rimarki:

* Ix-xenarji kollha, inklużi l-MTFR, huma effettivi għan-nefqa, eż. il-benefiċċji f'termini ta' benefiċċji sanitarji huma akbar mill-ispejjeż.

* F'termini ta' l-impatt fuq l-impjeggi u l-kompetittività, ix-xenarji kollha huma f'tit jew wisq newtrali. Madankollu, ta' min jinnota li fil-każ ta' xenarju C ikun hemm tkabbir fl-impjeggi fis-setturi kollha, minbarra f'dak agrikolu. Fil-biċċa l-kbira tiegħu, nn-numru konsiderevoli ta' telf ta' imġiegi fis-settur agrikolu (73,000) ikun ikkumpensat b'żidiet f'setturi oħrajn.

* L-ispejjeż biex timplimenta d-diversi xenarji huma, skond xi wħud, stmata inqas milli suppost. B'mod partikulari, l-industrija tal-karozzi ssostni li fil-fatt se tidħol għall-ispejjeż oġġla. Mill-banda l-oħra, l-ispejjeż tat-tnaqqis ta' emissjonijiet minn sorsi terreni jistgħu jonqsu jekk is-settur tat-trasport marittimu jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu (mhux inklużi fil-kalkoli ta' l-ispejjeż). Minbarra dan, l-ispejjeż jistgħu jonqsu iżjed, minħabba li, naturalment, għadhom ma tqisux il-miżuri li se jkollhom jiġu implimentati sabiex jiġu rispettati l-obbligi ta' wara Kyoto (li għadhom iridu jiġu stipulati).

*L-istimi tal-benefiċċji huma inqas milli suppost, għax fil-kalkoli tagħhom titqies biss is-saħħa u, minnbarra dan, il-valur mogħti lill-ħajja umana huwa ferm inqas minn tal-kalkoli użati fl-Istati Uniti. Fil-kalkoli ma jitqisux il-benefiċċji ambjentali u l-benefiċċji f'termini ta' inqas ħsara lill-uċuħ agrikoli (stmata EUR 0.3 biljun fis-sena) u ta' inqas ħsara lill-bini. Għalhekk, il-proporzjon bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji fil-fatt huwa konsiderevolment iżjed favorevoli.

*Ovvjament, l-ispejjeż marġinali u l-benefiċċji marġinali huma importanti. L-Evalwazzjoni ta' l-impatt tikkalkula l-aħjar xenarju jinsab x'imkien bejn il-B u ċ-Ċ, ibbażat fuq stima baxxa tal-benefiċċji għas-saħħa.

*L-IEEP evalwa l-Evalwazzjoni ta' l-impatt u kkonkluda li ċ-ċifri u l-estimi huma ta' min joqgħod fuqhom.

Kunsiderazzjonijiet

Il-livell ta' ambizzjoni magħżul mill-Kummissjoni jinsab bejn ix-xenarji A u B. L-ispejjeż totali ta' dan ix-xenarju A+ jaqbu s-EUR 7.1 biljun. Il-benefiċċji jammontaw għal EUR 42 biljun. Ix-xenarju magħżul ma jinvolvi l-ebda tnaqqis fl-impjeggi u ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq il-pożizzjoni kompetittiva ta' l-Ewropa fid-dinja.

Wara konsultazzjonijiet dwar l-Evalwazzjoni ta' l-impatt u wara li sema' r-rakkomandazzjonijiet mill-esperti tas-saħħa, ir-rapporteur tiegħek hu tal-fehma li l-livell ta' ambizzjoni magħżul għandu jkun oġġla. L-iatategija tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja tiffoka wisq fuq l-ispejjeż u f'tit li xejn fuq il-benefiċċji għas-saħħa u fuq l-opportunitajiet li jista' joffri approċċ iżjed ambizzjuż. Fid-dawl ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u l-aspirazzjoni ta' l-UE li tkun l-iżjed ekonomija kompetittiva fid-dinja, l-istandards tal-kwalità ta' l-arja applikati għandhom ikunu għallinqas ekwivalenti għal dawk ta' l-Istati Uniti. Għal konċentrazzjonijiet ta' partiċelli fini (PM_{2.5}) fl-Istati Uniti japplika limitu ta' 15mg, għalkemm ta' min jinnota li l-istandard fl-Istati Uniti huwa bbażat fuq ir-riżultati ta' kejl meħud fuq perjodu ta' tliet snin u l-kejl mhux dejjem ikun iffokat fuq punti tassew kritiċi.

Jekk jintagħżel xenarju iżjed ambizzjuż u jekk l-UE tagħmel għażla ċara favur is-saħħa, għandu jkun hemm bosta opportunitajiet għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda, kif turi l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt. Il-kwalità ta' l-arja hija problema fl-ibliet kollha tad-dinja. It-teknoloġija u l-innovazzjoni li qegħdin jiġu żviluppanti fl-Ewropa għandhom il-potenzjal li jiġu applikati f'partijiet oħrajn tad-dinja.

L-istrateġija: ambizzjuża, iżda toqgħod attenta wkoll għall-esiġenzi ta' l-implimentazzjoni

Ir-rapporteur tiegħek jixtieq jara ma jidmex li jinkisbu riżultati aħjar fil-ġlieda kontra t-tniġġis ta' l-arja. Għalhekk għall-PM_{2,5}, il-VOCs u l-NO_x intgħażel ix-xenarju Ċ. Fil-każ ta' l-ammonja ir-rapporteur jippreferi ix-xenarju A+, u fil-każ ta' l-SO₂ jippreferi x-xenarju B. Il-proposti tar-rapporteur tiegħek jiġu jquemu madwar EUR 11 biljun fis-sena, jiġifieri, iżjed mill-EUR 7.1 biljun proposti mill-Kummissjoni. Favur l-għażla tax-xenarju C-, jistgħu jitressqu l-argumenti li ġejjin:

*Dan fih iżjed kisbiet sanitarji mill-każ tax-xenarju A+, għax huma l-PM_{2,5}, il-VOCs and l-NO_x li jagħmlu l-iżjed ħsara lis-saħħa;

*Ix-xenarju Ċ huwa tassew effettiv għan-nefqa, iżda l-ispejjeż totali, li huma EUR 11 biljun fis-sena, huma sostanzjalment inqas minn dawk tax-xenarju Ċ (EUR 14.9 biljun);

Ix-xenarju Ċ huwa vantaġġjuż f'termini ta' tkabbir fl-impjiegi u f'termini ta' potenzjal għall-innovazzjoni. Ix-xenarju Ċ- iwassal għal iżjed minn 40,000 post tax-xogħol ġdid, għax it-telf ta' impjiegi fis-settur agrikolu jkun limitat u jinħolqu bosta impjiegi ġodda f'setturi oħrajn.

Fil-każ ta' l-ammonja, ir-rapporteur tiegħel, bħall-Kummissjoni, għażel ix-xenarju A+, u fil-każ ta' l-SO₂ għażel ix-xenarju B, minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

*Fil-każ ta' l-ammonja, iż-żidiet fl-ispejjeż li jinvolvi x-xenarju Ċ huma oġġlin ħafna;

*Ir-riforma fil-politika agrikola għadha ma tqisix u l-impatt tagħha s'issa għadu mhux ċar. Għalhekk ir-rapporteur tiegħek qiegħed jitlob li ssir reviżjoni u li jittieħed approċċ iżjed ambizzjuż sabiex jiġi indirizzat l-ammonja meta tibda tirranka r-riforma tal-CAP;

*Il-kontribut magħmul mill-ammonja għall-formazzjoni ta' partiċelli fini sekondarji hija żgħira, u l-ispejjeż totali biex jissolvew il-problema tal-partiċelli fini primarji u sekondarji fuq il-bażi tal-livell ta' ambizzjoni Ċ u l-problemi ta' l-ammonja fuq il-bażi A+, huma bejn wieħed u ieħor għoljin daqs li kieku kellu jintagħżel ix-xenarju Ċ għall-ammonja;

*Ix-xenarju B huwa aċċettabbli għas-SO₂ għax il-benefiċċji żejda għas-saħħa li jġib ix-xenarju Ċ huma relattivament ftit.

Naturalment, ir-rapporteur tiegħek huwa konxju li objettivi msemmin hawn huma ambizzjużi u xejn m'hu se jkun faċli li jintlaħqu. Hemm Stati Membri li diġà qegħdin ikollhom diffikultà biex jilħqu l-objettivi preżenti. Għalhekk hija qiegħda targumenta favur deroga temporanja għal Stati Membri li jistgħu juru li għad illi jkunu ħadu l-miżuri possibbli kollha sabiex jilħqu l-valuri ta' limitu stipulati f'din l-istrateġija tematika, xorta waħda ma

jkunux jistgħux jilhq u l-istandards. Dan għandu jipprovdi wkoll inċentiv għall-konformità bikrija u sħiħa mal-valuri ta' limitu. Il-fatt li għadna qegħdin nistennew miżuri adegwati fuq livell Ewropew li jindirizzaw lis-sorsi huwa bla dubju ta' xkiel għall-Istati Membri li jridu jilhq dawn l-oġettivi. Għalhekk il-Kummissjoni għandha ir-responsabilità li tressaq miżuri xierqa li jindirizzaw lis-sorsi mill-aktar fis, u l-Kunsill u l-Parlament għandhom ir-responsabilità li jadottaw dawn il-miżuri bla dewmien. Kwalunkwe dewmien biex dan isir ikun ifisser tardjar fil-provvediment ta' ħarsien xieraq tas-saħħa taċ-ċittadini u ta' l-ambjent.

Ir-rapporteur hija konxja wkoll li l-ispejjeż m'humix maqsumin mis-soċjetà bl-istess mod li huma l-benefiċċji. Essenzjalment, għandu jiġi applikat il-prinċipju 'min iniġġes iħallas'. Fil-biċċa l-kbira tal-każi l-produtturi jkunu kapaċi jgħaddu l-ispejjeż għola lill-konsumaturi. Madankollu, f'xi każi, dan ikun iżjed diffiċli minħabba li l-kompetituri minn barra l-UE mhux bilfors ikollhom l-istess spejjeż. Għalhekk ir-rapporteur tiegħek qiegħda tistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-possibilitajiet li tipprovdi finanzjar fil-każi meta l-ispejjeż ma jkunux jistgħu jgħaddu għand il-konsumaturi u fejn l-ispejjeż għal dawk li jniġġsu ma jkunux aċċettabbli. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur tiegħek tixtieq tinnota li l-Fondi Strutturali u l-EAGGF joffru opportunitajiet għall-provvediment ta' l-għajnuna. L-Istati Membri jistgħu jużawhom sabiex jikkofinanzjaw il-miżuri, (bħall-apparat li jnaddaf l-arja fis-settur tal-produzzjoni tal-bhejjem). Barra minn dan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna statli lin-negozji, skond ċerti kundizzjonijiet.

Miżuri

Sabiex jinkisbu l-oġettivi stipulati f'din l-istrateġija, hemm bżonn jittieħdu bosta miżuri f'setturi varji. Il-Kummissjoni f'dan għandha rwol x'tilgħab (anke fir-rigward ta' miżuri li jindirizzaw is-sorsi fis-settur tat-trasport, fl-impjanti ż-żgħar ta' kumbustjoni u fis-sistemi tat-tiħin), bħalma għandhom l-Istati Membri (anke fir-rigward ta' l-apparat li jnaddaf l-arja fis-settur agrikolu u marittimu) u l-awtoritajiet deċentralizzati (fir-rigward tal-pjanijiet ta' mobilità, tal-punti kritiċi u tat-twissijiet ta' l-ismogg).

Konklużjoni: regolamenti aħjar u tfassil aħjar ta' regolamenti

Ladarba fit-tfassil tal-liġijiet hemm ħafna fejn isir titjib, l-Unjoni Ewropea, kif għandu jkun, qiegħda taħdem ħafna sabiex tiżgura '*regolamenti aħjar*'. L-istrateġija tematika u d-direttiva li takkumpanjaha dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent huma eżempji ta' '*regolamenti aħjar*'. Ir-rapporteur tiegħek sema' l-veduti tar-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali, tal-kumpaniji u ta' l-NGOs. Mill-bosta diskussjonijiet li kien hemm haġet fil-beraħ ċerta irritazzjoni bil-mod kif il-leġislazzjoni hi promulgata fl-Ewropa. Fuq kollox, in-nuqqas ta' materjalizzazzjoni ta' leġislazzjoni adegwata u l-inċertezza fiż-żmien mezzan huma ilmenti li jinstemgħu spiss. L-elenkar tal-miżuri possibbli ta' din l-istrateġija ma jneħħix l-inċertezza. Kieku l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament ikunu ċari dwar liema livell ta' ambizzjoni biħsiebhom jagħżlu fir-rigward tal-kwalità ta' l-arja u dwar liema miżuri indirizzati lis-sorsi huma mistennija u meta, dan jgħin il-komunikazzjoni maċ-ċittadini, mal-kumpaniji u ma' l-awtoritajiet ta' livell inferjuri, (li jridu jimplementaw bosta mill-miżuri). Għalhekk ir-rapporteur tiegħek qiegħda targumenta favur fteħima interistituzzjonali li fiha r-responsabbiltajiet u l-impenji huma stipulati mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament. Fteħima bħal din għandha tikkontribwixxi lejn '*tfassil aħjar ta' regolamenti*' u tippromwovi l-proċess demokratiku.

PROĊEDURA

Titolu	Strateġija tmatika dwar it-tigġis ta' l-arja			
Proċedura numru	2006/2060(INI)			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 16.3.2006			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 16.3.2006	REGI 16.3.2006	TRAN 16.3.2006	ITRE 16.3.2006
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	AGRI 21.3.2006	REGI 21.3.2006	TRAN 11.10.2005	ITRE 21.2.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja				
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Dorette Corbey 29.11.2005			
Rapporteur(s) preċedenti				
Eżami fil-kumitat	24.4.2006			
Data ta' l-adozzjoni	21.6.2006			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ 45 - 0 0 0			
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Margrete Auken, Johannes Blokland, Frieda Brepoels, Dorette Corbey, Chris Davies, Bairbre de Brún, Avril Doyle, Edite Estrela, Jill Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Rebecca Harms, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Mary Honeyball, Dan Jørgensen, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Urszula Krupa, Aldis Kušķis, Peter Liese, Marios Matsakis, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Dimitrios Papadimoulis, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Guido Sacconi, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Bogusław Sonik, Antonios Trakatellis, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alfonso Andria, Giuseppe Castiglione, Henrik Lax, Ria Oomen-Ruijten, Andres Tarand			
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sepp Kusstatscher			
Data tat-tressiq	30.6.2006			
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)				